FONTANA

Minuti ta` l-erba' u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 26 ta` Marzu 2007 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Skużat:** | Is-Sur Lorry Apap |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**<u>Korrispondenza</u>**

Il-komunita` ta` Nichelino fejn kien jaħdem Fr. Joe Galea mill-Fontana bagħtu jirringrazzjaw lill-Kunsill għas-sehem li ta fil-funeral ta` Fr. Joe.
L-iSkola Primarja Sir Arturo Mercieca ser iżżomm il-*Prize Day* fid-19 t`April 2007, għaldaqstant il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħti donazzjoni finanzjarja għal din l-okkażjoni bħal ma għamel fis-snin ta` qabel. Il-Kunsill qabel illi jagħti Lm30 bħas-sena l-oħra.
It-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza dwar il-format ġdid b`informazzjoni kulturali.
L-Ufficcju Elettorali bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali'.
Il-MITTS bagħtu korrispondenza lill-Kunsill fejn infurmawh bit-tibdil li ser isir fl-*e-mail* mit-*Team Ware* għal *Microsoft Outlook*. Dan it-tibdil fl-Uffiċċju tagħna ser isir fit-18 t`April 2007 mill-*Gozo Support Team* tal-MITTS.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar talbet lill-Kunsill garanzija ta` Lm500 għall-permess taċ-Ċentru Ċiviku fuq in-niċċa tal-Madonna ta` Lourdes li hemm fil-faċċata tal-fond nru. 191 fi Triq tal-Għajn. Din in-niċċa għandha terġa` tinbena fl-istess post li tinsab fil-faċċata li tagħti fuq Triq tal-Għajn. Is-Sindku qal li din il-garanzija saret għal perjodu ta` ħames snin u l-ispejjeż tal-Bank kienu Lm140.
Il-MEPA bagħtet ukoll korrispondenza dwar is-siti vojta fl-abitat. Il-Kunsill ġie mistieden iġib ir-riklam li qed jidher fil-gażżetti lokali fil-*magazine* jew pubblikazzjoni li jippubblika.
Il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar bagħat korrispondenza dwar il-PA 7009/02 – biex jiġi ssanzjonat *street furniture* fi Pjazza l-Għejjun. Sabiex jinħareġ dan il-permess l-appellant jiġifieri l-Kunsill irid ikun neħħa l-arloġġ u l-fanal.
Is-Sur Natalino Attard, Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar seminars li ser isiru dwar Finanzi u *Risk Management* għas-Sindku u s-Segretarji

Eżekuttivi. Dak f`Għawdex ser isir nhar il-Ħamis, 19 t`Aprill 2007. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tattendi dan is-seminar.

Dwar il-ħaddiem tal-Kunsill li ntalab sabiex jingħata b`self lill-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex id-Direttur, is-Sur Natalino Attard, kiteb lill-Kunsill illi b`effett mill-14 ta` Marzu s-Sur Joe Camilleri ser ikun trasferit definittivament mal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex. Is-Sindku qal illi dan il-ħaddiem beda xogħol mal-Kunsill tar-Rabat b`effett mill-15 ta` Marzu 2007 u s-Segretarju Eżekuttiv ġabret mingħandu s-*safety shoes* u l-ġakketta li kienu nxtrawlu.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja t`ittra li ntbagħtet bħala *reminder* lit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern dwar id-devoluzzjoni ta` l-art fi Triq ta` Mulejja.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar il-*Euro Changeover - FAQ List.*

Is-Sur Lawrence Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar laqgħa li ser issir fid-29 ta` Marzu fil-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex bis-suġġett *'Taking Gender Equality to Local Communities Project'*. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tattendi għal din il-laqgħa.

Inqrat Memo 07/2007 dwar Indirizzi ta` *E-Mails* Ġodda.

Inqrat Memo 08/2007 dwar Minuti u Skedi ta` Pagamenti bħala *Soft Copy.*

Inqrat Memo 09/2007 dwar Egħluq tas-Sena Finanzjarja 2006-07.

Inqrat Memo 10/2007 dwar Mistoqsija Parlamentari Nu 24386. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet din il-Mistoqsija.

**Mistoqsijiet**

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

**Għoti ta` l-Offerta – Provvista ta` dawk dekorattiv għal Triq il-Kappillan Ġuzepp Hili**

Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel illi jinforma lill-kuntratturi li tefgħu l-offerta sabiex iġibu *sample* tal-fanali u kif ukoll li rridu nitolbu lill-Enġiniera tal-Korporazzjoni *EneMalta* tinfurmana kemm il-fanal jista` jsir, wara tintbagħat ittra lir-residenti jekk jaċċettawx li jeħel il-fanal mal-faċċata tad-dar tagħhom.

***Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-*performance bonus rate* tas-Segretarju Eżekuttiv tkun dik ta` 10%.

**Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

FONTANA

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Maltapost p.l.c.* | Lm | 6.60,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 51.52,0 |
| *Alka Ceramics Ltd.* | Lm | 20.06,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 114.98,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm | 205.00,0 |
| *Director Projects & Development(Works Branch)* | Lm | 630.28,0 |
| *First United Insurance Brokers Ltd.* | Lm | 496.34,0 |
| *S&R (Handaq) Ltd.* | Lm | 35.40,0 |
| *PCG Enterprises Ltd.* | Lm | 10.00,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm | 5.12,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 15.40,0 |
| Richard Cauchi | Lm | 675.10,0 |
| Raymond Grech | Lm | 40.25,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm | 23.25,0 |
| Joseph Muscat | Lm | 144.00,0 |
| *Cassar Pet & Hobby* | Lm | 32.60,0 |
| *Zammit Aluminium Ltd.* | Lm | 42.00,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm | 6.80,0 |
| Parroċċa Fontana | Lm | 200.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 614.25,0 |
| *Mr. Signs* | Lm | 6.50,0 |
| Josephine Gauci | Lm | 11.25,0 |
| Perit Ivana Farrugia | Lm | 190.00,0 |
| Total | | Lm3603.33,0 |

Il-Kunsill iddeċieda li jaqta` 5% mill-kont ta` Richard Cauchi għad-dewmien li sar biex isiru l-*belisha beacons* ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, peress li damu xhur biex tlestew.

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 21/2005 ġiet approvata.

**Ilmenti/Suġġerimenti**

Is-Sur Joseph Grech ta` 'Conception', Triq Santa Dminka, Victoria kiteb lill-Kunsill illi għalkemm irranġa bit-tarmak mill-ġdid fi Triq San Martin l-ilma xorta għadu jidħol fil-garaxxijiet. Huwa talab sabiex tinstab soluzzjoni kemm jista` jkun malajr. Is-Sindku qal illi dan l-ilment sar madwar disa` snin ilu u kienet saret roqgħa tarmak fil-kantuniera ta` Triq San Martin. Minn meta sar dan ix-xogħol mill-Kunsill il-Gvern Ċentrali għamel il-bankina mal-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel illi jitlob lill-MEPA sabiex tagħti l-livelli tat-triq biex isir magħruf dawn il-garaxxijiet inbnewx mal-livelli uffiċċjali mogħtija mill-PABB.

Il-Kunsillier Anthony Cassar staqsa dwar il-qasab li hemm wara l-*Fontana Cottage Industry* peress li kellmitu persuna li ma tistax tidħol bil-vettura. Is-Sindku qal illi ser jinqata` mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Anthony Cassar qal illi nġibditlu l-attenzjoni li fit-telgħa tal-Biċċerija hemm id-dlam. Is-Sindku qal illi f`din il-leġislatura l-bozoz ta` dawn il-fanali saru kollha akbar. Ġie deċiż illi jiġi mqabbad George Zammit ta` *'Zammit Aluminium'* biex jara x`inhi l-problema.

Il-Kunsillier Anthony Cassar qal illi l-Kunsill Lokali tal-Munxar għandhom is-servizz tal-*Warden* waqt li t-tfal ikunu deħlin d-Duttrina. Huwa ssuġġerixxa li nagħmlu użu minn dan is-servizz fil-Fontana. Is-Sindku qal illi xħin inkunu nagħmlu l-*Budget* jiġi diskuss dan il-punt, dan għar-raġuni li dawk jitħallsu mill-Kunsill Lokali tal-Munxar u mhux mill-Kumitat Konġunt, kif ukoll iċ-Ċentru tal-Munxar jagħti għat-triq prinċipali. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ssuġġerixxa li minħabba l-każi ta` serq li hawn fil-lokal għandha tinkiteb ittra lis-Superintendent tal-Pulizija sabiex ikun hawn aktar *patrols* bil-mixi.

**Materji oħra**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Ms. Francine Grech qed taħdem mal-Kunsill taħt l-iskema tal-*jes*.

Dwar is-*safety carpets* għall-*Playing Field* il-Kunsill ra s-*samples* u ddeċieda li jixtihom mingħand *City Sport & Play.*, għall-prezz ta` Lm647.82,0 għaliex jidher li hu l-aħjar materjal.

Il-Kunsill qabel illi jixtri l-*photocopier Xerox* M118 għall-prezz ta` Lm610.00,0 mingħand l-*Image Systems Ltd.* Dan għar-raġuni li l-magna li kellna qabel, l-istess marka, serviet għal madwar ħdax il-sena li ħafna minnhom kienu mingħajr ħsara. Ġie deċiż illi l-*cabinet* tagħha tinġab fl-Uffiċċju bi prova u jekk ma toqgħodx tingħata lura lill-kumpanija.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Ivana Farrugia bagħtet ir-rapport lill-MEPA dwar l-istat li tinsab fih in-niċċa tas-Salvatur wara li tneħħiet il-kisja tas-siment. Tneħħew ukoll is-sinjali tal-*parking bays* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Is-Sur Joe Muscat lesta wkoll tnax il-qasrija tal-ġebel li ordna l-Kunsill, kif ukoll nġiebu t-tliet bankijiet li kellna ordnati għand Andrew Vassallo. Il-ħarġa soċjo-kulturali f`Malta għar-residenti tal-Fontana ser issir nhar it-Tlieta, 3 t`April minflok il-Ħadd l-1 t`April kif kien deċiż fil-Kunsill, dan għar-raġuni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Inbidlu wkoll ix-xtieli tal-qsari tat-Toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Marchant, li saru kollha *'stella maris'*.

Sar vandaliżmu fil-*Playing Field* fejn inqalgħu xi ċangaturi u tkisser il-*fence* li sar meta ġew kundannati l-kamra tal-Pulizija u l-latrini. Sar ukoll fuq talba tal-Kunsill mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp *patching* fi Triq tal-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan.

Sar il-ħruġ ta` l-offerti għall-bini ta` l-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku u l-*belvedere* ta` Triq ta` Mulejja. Dawn jagħlqu fis-16 t`April 2007. Għall-offerta tal-*belvedere* ta` Triq ta` Mulejja, l-Perit issuġġeriet illi jiġi mqabbad l-Enġinier Mario Galea ta` *Galea Curmi Engineering Consultants* sabiex jipprepara l-i*specifications,* il-*bill of quantities* u d-*drawings* fir-rigward fejn jidħol id-dawl. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku attenda laqgħa bis-suġġett *'European Destinations of Excellence – Best Emerging Rural Zone'* li saret fil-Ministeru għal Għawdex. Dan ma japplikax għall-lokalita` tal-Fontana, għar-raġuni li s`issa l-Kunsill m`għandux proġetti rurali.

Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa dwar il-Bidla għall-Ewro min-*National Euro Changeover Committee* ssir fis-6 ta` Lulju 2007 fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7.30p.m. Għandha tiġi avżata b`dan Ms. Carine Callus.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li bagħat *e-mail* lill-Viċi-Prim Ministru l-Onor. Tonio Borg biex issir kemm jista' jkun malajr id-devoluzzjoni ta` l-art fi Triq ta` Mulejja għall-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa personalment għaddielu wkoll ritratti dwar l-istat li fiha tinsab din l-art.
Saret ukoll il-laqgħa tal-lokalita' fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Attendew żewġ persuni flimkien mas-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Anthony Cassar u Maria Schembri. Is-Sindku ta` rapport dwar x`wettaq u ġie ppjanat matul din l-aħħar sena. Dawk preżenti ressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom li kienu dawn:

- Sqaq Bieb il-Għajn ma jistax jibqa` jissejjaħ Sqaq iżda Trejqet;
- Irranġar ta` Triq tal-Għajn faċċata tar-*railing* – rampi eżistenti jitneħħew għar-raġuni li huma ta` periklu u jkerrħu l-inħawi.

Fuq l-ewwel punt is-Sindku wieġeb li dan ser isir malli jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Dan wara laqgħa li kellu mal-Bord ta` l-Ismijiet tat-Toroq. Dwar l-aħħar punt il-Kunsill qabel illi jibgħat ittra lill-Gvern Ċentrali peress li hija triq arterjali.
*Secom Limited* bagħtu stima sabiex ikunu jistgħu jiġu stallati *cameras* għall-Għejjun. L-istima hija ta` Lm108 għaż-żewġ *cameras*, l-istallazzjoni Lm70 u l-*cable* 35c kull metru. Is-Sindku qal illi l-istima verbali ta` Lm30 li kien qallu Anthony Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* dwar il-*camera* għall-Għajn ta` Bendu jidher li kienet skorretta.
Is-Sindku qal ukoll li ġie avviċinat biex issir *roadhump* fil-bidu ta` Triq Għajn Tuta. Il-Kunsill qabel u għandu l-permess maħruġ mill-A.D.T. madwar tliet snin ilu, li ma kienx twettaq minħabba petizzjoni li kienet saret mir-residenti.
Saret ukoll żjara f`Malta mis-Sindku, Viċi-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Maria Schembri fejn rajna jaħdmu t-tliet tipi ta` *photo-copiers* għand l-aġenti rispettivi tagħhom u ġibna s-*samples* tas-*safety carpets* min għand l-aġenti li tefgħu l-kwotazzjonijiet.
Tkompla jsir xogħol ta` manutenzjoni u tindif miż-żewġ ħaddiema li baqa` mal-Kunsill.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-applikazzjonijiet li għandna mal-MEPA dwar xogħolijiet għall-passaġġ fi Triq Wied Siekel, irranġar ta` l-aħħar parti ta` Triq Għajn Tuta u tindif u riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi issa jidher li l-applikazzjonijiet mxew il-quddiem. Dan wara li f`Jannar li għadda għaddew mill-*Environment Protection Unit* u għamlu żmien quddiem il-*Case Officer* f`Għawdex. Dan l-aħħar inbidel u ġew quddiem is-Sur Mark Cini li nforma lis-Sindku meta ġie mistoqsi f`hix waslu, li dalwaqt ser jintbagħat kopja tad-*DPA* lill-Kunsill fuq kull wieħed u li ser ikun fihom xi kundizzjonijiet biex joħorġu l-permessi.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.20 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 23 t`April 2007 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar — Saviour Borg
Segretarju Eżekuttiv — Sindku